# ID-DAWL

FRAR 2022
WWW.AHMADIYYA.MT
NUMRU 50

"Dik hi l-grazzja ta' Alla.
Alla huwa s-Sid ta'
grazzja kbira."



Barkiet Divini | Messaġġ Speċjali | Imħabba Vera | Alla huwa l-Paċi

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

## Editorjal

# BARKIET DIVINI

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Huwa ovvju li l-bniedem huwa dgħajjef ħafna min-natura tiegħu u minħabba din id-dgħufija ma jkunx jista' jwettaq id-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet kollha tiegħu b'suċċess. Għaldaqstant, huma biss il-grazzja u l-ħniena Divina li jressquna lejn is-suċċessi f'ħajjitna.

Jien nemmen sinċerament li mingħajr il-grazzja u l-barkiet ta' Alla ma nistgħux ngħixu u nimxu 'l quddiem fil-ħajja ta' kuljum tagħna. Meta nduru lejn Alla Omnipotenti b'sinċerità u determinazzjoni sħiħa, Alla, li huwa Twajjeb u Ħanin, jgħinna nwettqu d-dmirijiet tagħna sewwa u b'suċċess. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes:

> **"Dik hi l-grazzja ta' Alla; Huwa jxerridha fuq min jagħżel Hu; u Alla huwa s-Sid ta' grazzja immensa." (62:5) "M'hemm ħadd li jista' jiċħad il-grazzja Tiegħu." (10:108)**

Il-fatt hu li ħadd ma jista' jikseb suċċess ġenwin, u ħadd ma jista' jistagħna sewwa, sakemm wieħed ma jkunx kiseb għarfien u saħħa veritiera permezz tal-grazzja u l-ħniena ta' Alla stess.

**ID-DAWL**

Frar 2022 – Numru 50 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

Divine blessings 02
A special message 04
True & everlasting love 06
God is Peace 08
The miracle of morals 09
Principles of Islamic society 10

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Arapix | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

U huwa biss bis-saħħa ta' atti ripetuti ta' grazzja Divina li dan il-bieb ta' suċċess u prosperità jibqa' miftuħ u ma jingħalaqx għal dejjem.

Il-vjaġġ ta' **ID-DAWL** li beda erba' snin ilu u li llum qed nippubblikaw **il-50 edizzjoni** tagħha huwa sinjal ċar ta' grazzja u barkiet Divini. Aħna nemmnu bis-sħiħ u għandna fidi qawwija li dan qatt ma kien ikun possibbli mingħajr il-barkiet ta' Alla l-Ħanin.

> **"It-tifħir kollu għal Alla, Sid id-Dinjiet kollha. Kollu Grazzja, il-Ħanin, Sid Jum il-Ħaqq. Lilek biss inqimu u lilek biss nitolbu għall-għajnuna."** (1:2-5)

Bla dubju ta' xejn, tant hemm atti ta' ħniena u tieba min-naħa ta' Alla Omnipotenti li huwa impossibbli li nirringrazzjawH u nuruH biżżejjed gratitudni. Il-benevolenza Tiegħu hija bla limitu u ma tinkwadrax fl-immaġinazzjoni tagħna. Alla jistqarr fil-Koran Imqaddes:

> **"U jekk tippruvaw tgħoddu l-barkiet ta' Alla, żgur li ma jirnexxilkomx. Tassew, Alla huwa dak li Jaħfer l-aktar, l-iżjed Ħanin."** (16:19)

F'din l-edizzjoni speċjali, għandna l-unur u l-pjaċir kbir li ninkludu l-messaġġ speċjali tal-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Mexxej Spiritwali tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, li bagħtulna minn qalbu fejn huwa talab għall-qarrejja kollha.

Barra minn hekk, il-qarrejja se jsibu wkoll artikli dwar it-talb, il-moralità, il-prinċipji fundamentali ta' soċjetà Iżlamika, l-għożża lejn il-bnedmin u rapporti qosra dwar l-attivitajiet interreliġjużi u karitatevoli tal-Komunità Ahmadiyya.

Aħna nittamaw li l-qarrejja għeżież tagħna jsibu din l-edizzjoni speċjali interessanti ħafna u informattiva. Jalla Alla jberikkom bl-abbundanza. Ammen.

# MESSAĠĠ SPEĊJALI

***Messaġġ Speċjali tal-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad, Khalifa-tul-Masih V[aba], Il-Mexxej Spiritwali tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana Dinjija***



F'Isem Alla, Kollu Grazzja, il-Ħanin.

Għeżież Qarrejja ta' **ID-DAWL**,

*Assalamo 'alaikum wa Rahmatullahe wa Barakatohu*—il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqkom.

Jiena ninsab verament kuntent li, bil-Grazzja ta' Alla, Frar 2022 se jimmarka l-50 edizzjoni tar-rivista ta' kull xahar tagħkom *Id-Dawl*. *Alhamdolillah*! Jalla Alla jberikkom u jħallikom tkomplu tinfurmaw lill-qarrejja bit-tagħlim veru tal-Iżlam li jippromwovi l-paċi u l-armonija għall-umanità kollha.

Il-Messija Mwiegħed (jalla l-paċi ta' Alla tkun fuqu) kien iddikjara: ***"Waħda mid-diversi profeziji Koraniċi għall-jiem tal-aħħar hija, il-jiem tal-aħħar huma dawk meta l-kotba jiġu mitbugħa bil-kwantitajiet kbar."***

Għalhekk Alla l-Omnipotenti mhux biss ħabbar is-suċċess tal-Iżlam tal-aħħar jiem, iżda pprovdiena wkoll bil-mezzi tat-tixrid tiegħu. L-għan tal-pubblikazzjoni ta' din ir-rivista huwa wkoll it-tixrid tal-Iżlam, li huwa l-objettiv li minħabba fih il-Messija Mwiegħed, il-paċi tkun fuqu, ġie f'din id-dinja. Alla Omnipotenti issa pprovdielna diversi mezzi u metodi ta' kif għandu jinfirex il-messaġġ tal-Iżlam inkluż il-pubblikazzjonijiet. Għaldaqstant, jalla Alla jagħtikom l-opportunità biex tutilizzaw sewwa dawn ir-riżorsi u jħallikom toffru servizzi ammirevoli biex twasslu t-tagħlim sabiħ tal-Qaddis




Profeta Muħammad, il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu, u tal-Iżlam, b'mod effettiv u eżemplari.

Inkunu fejn inkunu naħdmu fid-dinja, l-objettiv tagħna huwa li nxerrdu l-messaġġ tal-Messija Mwiegħed, il-paċi tkun fuqu, f'kull rokna tad-dinja. Alla Omnipotenti żgur li se jgħinna nwettqu dan il-għaliex Huwa rrivela lill-Messija Mwiegħed, il-paċi tkun fuqu, li ***'Jiena se nwassal il-messaġġ tiegħek sat-trufijiet tal-art'*** u għal din il-biċċa xogħol Huwa pprovdiena b'ħafna riżorsi.

Jekk nidħlu fina nfusna biex nirriflettu u napprezzaw bis-sħiħ is-sinifikat tar-responsabbiltajiet tagħna, u nipparteċipaw ukoll fl-attivitajiet tat-*Tabligh* (xogħol fil-komunità), hemmhekk biss nitqiesu li qed inwettqu l-obbligazzjonijiet meħtieġa minna. Hemmhekk biss nistgħu niġu meqjusa ma' dawk l-iffortunati li jiksbu l-qrubija Divina. Jalla Alla jħallikom twettqu dan. Jalla Alla jberikkom kollha.

Dejjem Tagħkom,

**MIRŻA MASROOR AĦMAD**
*Khalifa-tul-Masih V*[aba] – Il-Mexxej tal-Komunità
Ahmadiyya Musulmana Dinjija

# IMĦABBA VERA U DEJJIEMA

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jgħid:

"Il-fatt huwa li ħadd ma jista' jikseb il-ħelsien sħiħ mid-dnub, u lanqas ma wieħed jista' jħobb verament lil Alla jew jibża' Minnu, bħalma jistħoqqlu li jkun kawża ta' biża', sakemm wieħed ma jkunx kiseb għarfien u qawwa vera bl-għajnuna tal-grazzja u l-ħniena ta' Alla stess. Huwa evidenti li l-għarfien sħiħ huwa l-bażi tal-biża' u l-imħabba kollha u huwa biss wara li wieħed ikun kiseb l-għarfien u r-rikonoxximent ta' xi ħaġa li l-imħabba, ix-xewqa, il-biża' jew l-istmerrija għal dik il-ħaġa partikolari jistgħu jinbtu fil-qalb ta' dak li jkun.

## L-GĦARFIEN SĦIĦ

Huwa ċertament veru li wieħed ma jistax jikseb l-għarfien sħiħ mingħajr il-konċessjoni ta' Alla, u ma jista' jibbenefika lil ħadd ħlief bil-grazzja ta' Alla. Dan l-għarfien imbagħad jiftaħ il-bieb għat-tiftix u r-rikonoxximent tal-verità. Huwa biss b'atti ripetuti tal-grazzja Divina li dan il-bieb jibqa' miftuħ u ma jerġax jingħalaq. L-għarfien spiritwali, fil-qosor, jista' jinkiseb biss permezz tal-grazzja Divina, u bis-saħħa tagħha biss li jista' jibqa' jeżisti.

Il-grazzja Divina ssaffi u tkebbes l-għarfien, tneħħi l-veli li jitfaċċaw u tnaddaf in-*Nafs-e-Ammārah* [ir-ruħ li titqanqal għall-ħażen] mill-impuritajiet kollha tagħha. Tagħti s-saħħa u l-ħajja lir-ruħ u teħles lill-parti mħassra tagħha mill-ħabs tad-dnub u ssaffiha mill-passjonijiet ħżiena tagħha.

Barra minn hekk, din il-grazzja ssalva lill-persuna minn għadd ta' passjonijiet karnali, u għamla ta' trasformazzjoni sseħħ fil-bniedem u tiżviluppa fih stmerrija naturali għad-dnub. Minn hemm, proprju l-ewwel impuls li jinħass mir-ruħ, bis-saħħa tal-grazzja ta' Alla, jissejjaħ *du'ā* (supplika).

## X'INHU T-TALB?

Taħsbux li aħna diġà nitolbu kuljum, u s-*Ṣalāt* [it-talb] li noffru huwa wkoll talb; għaliex it-talb li jiġi wara l-għarfien vera u li jitwieled mill-grazzja Divina għandu lewn u sura għalkollox differenti. Dan it-talb huwa ħaġa li tikkonsma, huwa nar li jdub, huwa forza manjetika li tiġbed il-ħniena Divina, huwa mewt iżda li finalment jagħti l-ħajja, huwa għargħar infurjat li iżda jinbidel f'dgħajsa. Permezz tiegħu, kull għelt jissewwa u kull velenu fl-aħħar isir antidotu.

## L-IMBERKIN

Imberkin il-ħabsin li qatt ma jieqfu jitolbu, il-għaliex jum fost l-oħrajn jistgħu jinħelsu. Imberkin l-għomja li jgħidu t-talb tagħhom b'entużjażmu, il-għaliex jum fost l-oħrajn għad jaraw. Imberkin dawk li jinsabu fl-oqbra li jitolbu 'l Alla għall-għajnuna u għall-assistenza l-għaliex jum fost l-oħrajn għad jinħarġu mill-oqbra tagħhom. Imberkin intom li qatt ma tegħjew titolbu, ruħkom iddub fit-talb, għajnejkom idemmgħu, u nar jitkebbes f'sidirkom li jeħodkom fi mkejjen mudlama u deżerti ħalli tkunu tistgħu ttiegħmu s-solitudni u jressaqkom lejn l-irrekwitezza u qrib il-ġenn, sakemm fl-aħħar tkunu tistgħu tirċievu premjijiet Divini.

## ALLA TAGĦNA HUWA...

L-Alla li qed inressaqkom Lejh huwa Ġentili, Ħanin, Modest, Sinċier u Fidil. Huwa juri l-ħniena Tiegħu ma' dawk li huma umli. Intom ukoll għandkom tkunu fidili u titolbu bis-sinċerità u d-devozzjoni kollha, ħalli Huwa jkun jista' juri l-ħniena tiegħu magħkom. Inqatgħu mill-kommozzjoni tad-dinja u tagħtux raġuni reliġjuża għall-argumenti egoistiċi tagħkom. Aċċettaw it-telfa f'isem Alla ħalli tkunu tistgħu ssiru werrieta għal rebħiet kbar. Alla juri l-mirakli lil dawk li jitolbu u dawk li jsaqsu jkunu mberkin bi grazzja straordinarja. It-talb jiġi minn Alla u lejh jerġa' jmur. Bis-saħħa tat-talb Alla jkun qrib tagħkom daqs ħajjitkom stess." (*Ruhani Khazain* V. 20, p. 221-223)

# ALLA HUWA L-PAĊI




Fid-dinja tal-lum li ngħixu fiha l-paċi qed tiġi kompromessa kważi kuljum u f'kull livell. Hemm nies li jgħidu li r-reliġjon hija bażi ta' din il-mibegħda u nuqqas ta' paċi u sliem fis-soċjetajiet tagħna. Naħseb li dan huwa kunċett żbaljat u l-ebda reliġjon ma tgħallem il-mibegħda u d-diżordni fl-art. L-Iżlam jitkellem ċar u tond fuq dan is-suġġett u jgħid li fil-fatt hija r-reliġjon li hija għajn tal-paċi. Fil-Koran Imqaddes insibu wieħed mill-attributi ta' Alla li huwa "*As-Salam*" (59:24). Jiġifieri, Alla huwa s-Sors tal-Paċi.

Għalhekk, ma jistax ikun li s-sors veru tal-paċi u l-imħabba jista' jwassal għall-gwerra u l-mibegħda. Din hija assolutament impossibbli. Fir-realtà, **Alla huwa mħabba, Alla huwa sliem! L-Imħabba qatt ma tnissel il-mibegħda u l-paċi qatt ma twassal għall-gwerra!** Alla dejjem jixtieq il-paċi, is-sliem u s-sodisfazzjon għall-bnedmin.

In-nuqqas tal-paċi fis-soċjetajiet tagħna huwa minħabba l-fatt li n-nies ma jemmnux bis-sħiħ fil-Ħallieq, u d-dinja saret materjalistika ħafna, ħafna iktar milli hemm bżonn. Minflok ma nagħtu preċedenza lill-fidi fuq kwistjonijiet tad-dinja, aħna nipprijoritizzaw l-affarijiet tad-dinja fuq il-benesseri spiritwali tagħna. **Huwa minnu li aktar ma mmorru bogħod mis-sors veru ta' paċi, jiġifieri minn Alla, iktar ħa nħossu n-nuqqas tal-paċi u s-sliem.** Aktar ma ninsew lill-Ħallieq, iktar ikun hemm iċ-ċans ta' das-sodisfazzjon, kunflitti interni, mibegħda u tfixkil fil-paċi tad-dinja.

Għalhekk, jekk verament irridu li niksbu l-paċi dejjiema, allura huwa importantissimu li nemmnu f'Alla, induru Lejh f'kull bżonn, inqimuh regolarment, u nagħmlu lil Alla ċ-ċentru ta' ħajjitna. Bla dubju ta' xejn, mingħajr Alla ma jistax ikun hemm paċi, għax Alla huwa l-uniku sors veru tal-paċi. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes: **"Huwa fit-tifkira ta' Alla li l-qlub jistgħu jsibu kumdità u paċi."** (13:29)

# IL-MIRAKLU TAL-MORALI



Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], jgħid: "Id-domandi tal-fidi jitolbu li persuna tfittex ir-riforma tagħha stess mingħand Alla Gglorifikat, waqt li tutilizza l-qawwa tagħha stess. Huwa rrakkuntat f'*Hadith* [diskors tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]] li Alla Omnipotenti jagħti kas it-talba ta' persuna li tgħolli jdejha b'fidi sħiħa. U għalhekk, itolbu 'l Alla, u itolbuh b'fidi soda u determinazzjoni sinċiera.

**Jiena ngħidilkom li meta tħaddnu morali tajbin tkunu qiskom qed twettqu miraklu.** Jekk xi ħadd minnkom jistqarr li mhix ix-xewqa tagħkom li tagħmlu l-mirakli, mela kunu afu li x-Xitan ikun daħak bikom. Bil-manifestazzjoni tal-mirakli, m'iniex qed nirreferi għall-kburija u l-vanità. Il-mirakli jnebbħu lin-nies bil-verità u s-sewwa tal-Iżlam, u jsiru sors ta' direzzjoni. Niddikjara għal darba oħra li l-kburija u l-vanità ma jagħmlux parti mill-miraklu tal-morali li qed nirreferi għalih. Ħsieb bħal dan huwa tixwix tax-Xitan. Hemm għexieren ta' miljuni ta' Musulmani li jidhru mxerrdin f'diversi partijiet tad-dinja. Taħsbu li dawn il-Musulmani resqu lejn l-Iżlam bil-forza tax-xabla? Assolutament le! Dan huwa kompletament falz. Huwa l-effett mirakoluż tal-Iżlam li ressaqhom lejn il-fidi.

**Hemm ħafna tipi ta' mirakli. Fost dawn it-tipi differenti, hemm wieħed magħruf bħala l-miraklu tal-morali, u dan isaltan bi glorja fl-oqsma kollha.** Dawk li ħaddnu l-Iżlam għamlu dan billi raw il-mirakli tad-devoti—mirakli li ħallew impressjoni fuqhom. Huwa fl-Iżlam innifsu li raw dawl onorabbli. Mhijiex ix-xabla li kkonvertiethom. Ħafna skulari magħrufa u famużi Britanniċi kellhom jaċċettaw li l-ispirtu ġenwin tal-Iżlam tant huwa qawwi li jġiegħel lil nies ta' reliġjonijiet oħra jingħaqdu mat-twemmin Iżlamiku." (*Malfużat* – Volume 1, p. 142-143, 2018)

# IL-PRINĊIPJI FUNDAMENTALI TA' SOĊJETÀ IŻLAMIKA

Ħażrat Mirża Taħir Aħmad, Kalifatul-Masiħ IV[rh] (Ir-Raba' Kalif tal-Ahmadiyya), jispjega l-prinċipji fundamentali ta' soċjetà Iżlamika u jikteb:

"Il-vers Koraniku, li għandu x'jaqsam l-aktar ma' din it-tema, huwa dan:

> **'Tassew, Alla jitolbok li tirrispetta l-ġustizzja, u li tittratta l-proxxmu b'korteżija, u li tagħti bħalma jagħtu l-qraba lil xulxin; u Huwa ma jippermettix l-indiċenza, u t-turija tal-ħażen u t-trasgressjoni. Huwa jwiddbek ħalli inti tagħti kas.' (16:19)**

Tassew Alla jamar il-ġustizzja, u aktar minn ġustizzja; li n-nies jingħataw aktar milli ħaqqhom—u li sservi lill-proxxmu bi trattament fejjiedi, daqslikieku kien jappartjeni lilek (bħalma tittratta lill-ġirien u lill-qraba) u Alla jipprojbixxi l-manifestazzjoni tal-ħażen, bħalma naraw il-ħin kollu llum il-ġurnata fuq it-televixin, fuq ir-radju u t-toroq ta' ħafna soċjetajiet fid-dinja—u ma jippermetti xejn li huwa meqjus ħażin, mhux biss mir-reliġjonijiet iżda wkoll mill-kuxjenza umana, u dak kollu li jwassal għall-'irvell' u l-konfużjoni. Alla jwiddbek—jalla tapprofitta ruħek minn din it-twiddiba.

L-ewwel parti ta' dan il-vers aktar tgħodd għall-qasam ekonomiku milli għall-qasam soċjali. Hija tpinġi stampa ċara tal-kunċett Iżlamiku tal-ġustizzja, tal-ugwaljanza u tal-benevolenza fit-trattament tas-sezzjonijiet l-inqas ixxurtjati tas-soċjetà. It-tieni parti tapplika għall-aspett soċjali ta' soċjetà, li l-Iżlam għandu l-obbligu li joħloq.

F'din il-parti, Alla jipprojbixxi dak kollu li hu meqjus ħażin skont ir-regoli universali, bħal imġiba indiċenti, l-offiżi, l-insulti u fil-verità l-ħażen soċjali kollu li, mingħajr referenza għal xi tagħlim reliġjuż, huwa kkundannat bil-kunsens sħiħ tas-soċjetà umana inġenerali.

Bl-istess mod, l-Iżlam jiċħad u jikkundanna kategorikament kull tendenza, imġiba u attitudni, li tista' twassal għal diżordni, 'irvell', u vjolenza. Il-kelma 'irvell' trid tinftiehem li tfisser kull attentat mhux ġustifikat biex iwaqqa' tmexxija stabbilita. Imma dak mhux kollox. Kull meta l-kelma Għarbija *baghyi* hija użata fil-Koran Imqaddes, tkun tfisser mhux biss rewwixta politika jew bl-armi, iżda wkoll rewwixta f'soċjetà kontra t-tradizzjonijiet nobbli, ir-regoli etiċi, it-tagħlim reliġjuż u l-valuri morali tagħha.

Fl-aħħar mill-aħħar, kull soċjetà hija mwissija b'mod ċar li din it-twiddiba tgħodd għall-benefiċċju tal-bniedem stess. Din essenzjalment tiġbor fiha l-karatteristiċi ewlenin ta' qafas soċjali Iżlamiku. Nistgħu nżidu wkoll li l-ewwel parti ta' dan il-vers tintrabat b'mod sħiħ mat-tagħlim soċjali Iżlamiku. **Soċjetà, li hija insensittiva għas-sofferenzi ta' bnedmin oħra u li mhux dejjem lesta li sservi l-kawża tal-umanità, ma tistax tiġi deskritta bħala soċjetà Iżlamika** minkejja li tkun tħaddan aspetti oħra mit-tagħlim soċjali Iżlamiku.

Ejja issa nħarsu lejn karatteristiċi oħra tas-soċjetà Iżlamika li huma kkunsidrati fil-Koran Imqaddes. L-Iżlam jinkoraġġixxi l-integrità, il-lealtà, il-fedeltà, u jippromwovi dawn il-kwalitajiet għax inisslu l-paċi fil-moħħ u l-qalb. L-Iżlam jieħu miżuri preventivi biex ma jħallix lis-soċjetà tkun imxaqilba biss lejn l-insegwiment tal-pjaċiri. Għaldaqstant, kull tip ta' mġiba, minkejja li tkun tidher safja fil-bidu, iżda li mbagħad twassal għal permissività bla rażan fis-soċjetà, hija skoraġġita. Il-ħsara li ssir lis-soċjetà hija enormi u tieħu bosta suriet. Dawn is-soċjetajiet ħafna drabi jispiċċaw fi stat ta' promiskwità bħalma nsibu fid-dinja llum il-ġurnata.

F'dawn is-soċjetajiet, **it-tendenza bla kontroll għall-insegwiment tal-pjaċiri twassal, fost affarijiet oħra, għat-tgħawwir u l-qirda totali tar-relazzjonijiet familjari [the family unit]**. Kuntrarjament għal dan, l-Iżlam jgħożż u jipproteġi b'mod żelanti r-relazzjonijiet kollha ta' missier, ta' omm, tal-aħwa u tal-ulied. L-Iżlam irid li jħeġġeġ il-ħbiberiji, li huma aktar platoniċi milli senswali." (*Islam's Response to Contemporary Issues*, p. 83-85)

# ARMONIJA INTERRELIĠJUŻA




Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta pparteċipat f'avveniment interreliġjuż organizzat mill-Fondazzjoni Maltija għall-Benesseri tas-Soċjetà, b'kollaborazzjoni mal-Malta Trust Foundation, taħt l-awspiċi tal-President Emeritus, l-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca. L-avveniment ġie organizzat tul il-'Ġimgħa Dinjija ta' Armonija Interreliġjuża' li ġabet flimkien mexxejja minn 15-il reliġjon u twemmin differenti biex iwasslu messaġġ komuni ta' mħabba, armonija, rispett u paċi.

F'isem it-tfal, Nauman Atif qara messaġġ Iżlamiku, u l-Imam Laiq Ahmed Atif, President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta, qal xi talb Iżlamiku.







# DONAZZJONI TA' LIBRERIJA U KOTBA



Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta waqqfet librerija mexxejja fiċ-ċentru ta' riabilitazzjoni tan-nisa f'San Blas – Caritas Malta. Matul żjara li saret fiċ-ċentru terapewtiku ta' San Blas fl-2020, waqt li kienu qed jitkellmu man-nisa li kienu qed isegwu l-programm ta' riabilitazzjoni, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana ħasset il-bżonn li twaqqaf librerija biex tippromwovi l-qari tal-kotba ħalli n-nisa jkunu jistgħu jqattgħu ħinhom b'mod aktar kostruttiv u jibqgħu ffukati fuq il-proċess terapewtiku. Il-Komunità xtrat l-ixkaffar meħtieġ, il-mejda u l-kotba, anki dawk dwar l-Iżlam Ahmadiyya, u wara żaru San Blas u flimkien mad-Direttur tal-Caritas, is-Sur Anthony Gatt, fetħu l-librerija għar-residenti

# IL-FONDAZZJONI SEBĦ

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta ppreżentat PPEs inkluż maskri, ingwanti u anti-bacterial surface cleaners lill-Fondazzjoni Sebħ. Il-Fondazzjoni rringrazzjat lill-Komunità u kitbet, "Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta dejjem tgħinna bil-ġenerożità tagħha. Aħna dejjem grati; il-ħbiberija tagħkom magħna hija apprezzata ferm."

# GĦOTI TA' ŻEWĠ LAPTOPS



Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta offriet żewġ laptops lil 'Happy Parenting Malta' biex ikunu jistgħu jintużaw mill-NGO. Il-preżentazzjoni saret waqt waħda mil-laqgħat tal-Parental Alienation Support Group fiċ-Ċentru Parrokkjali ta' Ħ'Attard.

# KOTBA LILL-ISKOLA TAL-GŻIRA

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta ppreżentat madwar 100 ktieb tat-tfal lill-iskola primarja tal-Gżira. Il-kotba ġew mogħtija lill-kap tal-iskola, Ms Astrid Tonna, li rringrazzjat lill-Komunità.



# L-GĦOŻŻA LEJN IL-BNEDMIN

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jistqarr:

> **"Huwa kontra l-prinċipji tal-moralità li ma ngħinux lil xi ħadd li jkun muġugħ u mnikket."**

Huwa jkompli jgħid:

> **"Il-prinċipju li għandna nħaddnu huwa dak li jkollna l-ġenerożità f'qalbna għall-umanità kollha."**

Meta naqraw dwar il-ħajja tal-Messaġġiera ta' Alla nsibu li huma kienu dejjem lesti biex jaqdu lill-umanità; kienu lesti li jagħtu dak kollu li għandhom lin-nies. Insibu eżempji notevoli f'ħajjithom biex nikkupjawhom.

Meta naqraw dwar il-ħajja tal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, insibu li huwa tana għadd kbir ta' eżempji eċċellenti dwar kif tonfoq kif jixtieq Alla. Huwa dejjem kien pront biex jissagrifika dak kollu li kellu għall-qadi tal-umanità. Il-ġenerożità tiegħu ma kellhiex paragun.

Darba l-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, xtaq li mogħża tinqatel u qassam laħamha mal-fqar. Wara staqsa jekk kienx baqa' aktar laħam. Martu weġbitu li l-laħam kollu kien tqassam; ħarira żgħira kien baqa' għalihom.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal,

> **"Kulma tqassam huwa salvat (jiġifieri l-premju tiegħu huwa assigurat) u kulma fadal, qisuh bħala moħli."**

> **"Il-karità għandha tingħata minn kull driegħ u riġel ta' persuna f'kull ġurnata li titla' x-xemx."**

# 4 SNIN ...

## TA' QSIM TAL-MESSAĠĠ TA' ARMONIJA, FRATELLANZA, TAMA, IMĦABBA U PAĊI BIL-MALTI, IL-LINGWA TAL-PAJJIŻ.

**GRAZZI GĦALL-APPOĠĠ KONTINWU TIEGĦEK U L-QARI TA' ID-DAWL. TISTA' SIB L-EDIZZJONIJIET KOLLHA FUQ IL-WEBSAJT TAGĦNA:**

**WWW.AHMADIYYA.MT/ID-DAWL**

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**